



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Mejju 2022
(OR. en)

8553/22

CES 8

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

**li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali
Ewropew**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Estonjan,

Wara li kkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 15.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(2) tat-Trattat, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, tal-impjegati, u ta' partijiet oħra li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fl-oqsma soċjoekonomiċi, ċiviċi, professjonali u kulturali.
- (2) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1392¹, li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025.
- (3) Konsegwentement għall-mewt tas-Sa Aija MAASIKAS, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
- (4) Il-Gvern Estonjan ippropona lis-Sa Kaia VASK, *peasekretär, jurist, Eesti Meremeeste Sõltumatu Ametiühing* (Segretarju Ġenerali u Konsulent Legali, Unjoni Indipendenti tal-Baħħara tal-Estonja), bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1392 tat-2 ta' Ottubru 2020 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 adottata fit-18 ta' Settembru 2020 (ĠU L 322, 5.10.2020, p. 1).

Artikolu 1

Is-Sa Kaia VASK, *peasekretär, jurist, Eesti Meremeeste Sõltumatu Ametiühing* (Segretarju Ġenerali u Konsulent Legali, Estonian Seamen's Independent Union), hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
